DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1168

tas-27 ta' April 2021

li tistabbilixxi l-lista ta' stħarriġ obbligatorju tar-riċerka fuq il-baħar u l-limiti bħala parti mill-programm pluriennali tal-Unjoni għall-ġbir u għall-ġestjoni tad-*data* fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura mill-2022

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' qafas tal-Unjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' *data* fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 ([1]), u b'mod partikulari l-ewwel u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), l-Istati Membri għandhom jiġbru d-*data* bijoloġika, ambjentali, teknika u soċjoekonomika meħtieġa għall-ġestjoni tas-sajd.

(2) Skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2017/1004, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi programm pluriennali tal-Unjoni għall-ġbir, għall-ġestjoni u għall-użu tad-*data* fis-settur tas-sajd.

(3) Il-pjan pluriennali tal-UE huwa meħtieġ biex l-Istati Membri jispeċifikaw u jippjanaw l-attivitajiet tal-ġbir tad-*data* tagħhom fil-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali tagħhom. Huwa jistabbilixxi lista ddettaljata ta' rekwiżiti tad-data għall-ġbir u għall-ġestjoni tad-*data* bijoloġika, ambjentali u soċjoekonomika, jelenka stħarriġ obbligatorju fuq il-baħar u jistabbilixxi limiti għall-ġbir tad-*data*. Il-pjan pluriennali tal-UE għall-2020 sal-2021 ġie adottat permezz tad-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/910 ([3]) u tad-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/909 ([4]). Iż-żewġ deċiżjonijiet jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2021.

(4) Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-lista ta' stħarriġ obbligatorju tar-riċerka fuq il-baħar u l-limiti li inqas minnhom l-Istati Membri mhumiex obbligati jiġbru d-*data* mill-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura tagħhom jew iwettqu stħarriġ fuq il-baħar, kif imsemmi fl-Artikolu 5(1)(b) u (c) tar-Regolament (UE) 2017/1004 mill-1 ta' Jannar 2022. Tistabbilixxi wkoll l-oqsma tar-reġjuni tal-baħar għal skopijiet ta' ġbir tad-*data*, kif imsemmi fl-Artikolu 9(11) ta' dak ir-Regolament (UE) 2017/1004.

(5) Il-Kummissjoni kkonsultat il-gruppi ta' koordinazzjoni reġjonali rilevanti u l-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2017/1004.

(6) Din id-deċiżjoni għandha tinqara' b'mod konġunt mad-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2021/1167 ([5]) li tħassar id-Deċiżjoni Delegata (UE) 2019/910 u li tistabbilixxi l-arranġamenti ddettaljati għall-ġbir u għall-ġestjoni tad-*data* bijoloġika, ambjentali, teknika u soċjoekonomika min-naħa tal-Istati Membri, kif imsemmi fl-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1004, mill-1 ta' Jannar 2022.

([1]) ĠU L 157, 20.6.2017, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

([3]) Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/910 tat-13 ta' Marzu 2019 li tistabbilixxi l-programm multiannwali tal-Unjoni għall-ġbir u l-ġestjoni tad-*data* bijoloġika, ambjentali, teknika u soċjoekonomika fis-setturi tas-sajd u l-akkwakultura (ĠU L 145, 4.6.2019, p. 27).

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/909 tat-18 ta' Frar 2019 li tistabbilixxi l-lista ta' stħarriġiet obbligatorji tar-riċerka u l-limiti għall-għanijiet tal-programm multiannwali tal-Unjoni għall-ġbir u l-ġestjoni tad-*data* fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura (ĠU L 145, 4.6.2019, p. 21).

([5]) Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2021/1167 tas-27 ta' April 2021 li tistabbilixxi l-programm pluriennali tal-Unjoni għall-ġbir u l-ġestjoni tad-data bijoloġika, ambjentali, teknika u soċjoekonomika fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura mill-2022 (Ara l-paġna 51 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(7) Għal raġunijiet ta' ċertezza tad-dritt, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/909 titħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2022.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-lista ta' stħarriġ obbligatorju tar-riċerka fuq il-baħar, id-definizzjonijiet ta' żoni ġeografiċi applikabbli għall-ġbir tad-*data* tas-sajd tal-Unjoni, u limiti li inqas minnhom l-Istati Membri mhumiex obbligati jiġbru d-*data* mill-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura tagħhom jew iwettqu stħarriġ fuq il-baħar mill-2022 huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni. Il-lista ta' stħarriġ u limiti jiffurmaw parti mill-programm pluriennali tal-Unjoni għall-ġbir u għall-ġestjoni tad-*data* fis-settur tas-sajd, kif imsemmi fl-Artikolu 5(1)(b) u (c) tar-Regolament (UE) 2017/1004.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/909 titħassar.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Hija għandha tibda tapplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' April 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

KAPITOLU I

Stħarriġ ta' riċerka fuq il-baħar

1. Għandu jsir tal-inqas l-istħarriġ tar-riċerka fuq il-baħar imniżżel fit-tabella 1 ta' hawn taħt, sakemm rieżami xjentifiku tal-istħarriġ ma jikkonkludix li xi stħarriġ wieħed minnhom jew aktar ma jkunx għadu xieraq biex tingħata informazzjoni utli għall-valutazzjoni tal-istokkijiet u għall-ġestjoni tas-sajd. Abbażi tal-istess kriterji ta' rieżami, jista' jiżdied stħarriġ ġdid ma' din it-tabella.

   L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-istħarriġ tar-riċerka fuq il-baħar li jrid isir fil-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali msemmijin fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 ([1]), u għandhom ikunu responsabbli għal dan l-istħarriġ.

   Il-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali tal-Istati Membri, jew il-pjanijiet ta' ħidma reġjonali fejn applikabbli, għandhom jiżguraw kontinwità ma' forom ta' stħarriġ preċedenti.

2. L-Istati Membri mhumiex obbligati jieħdu sehem (fiżikament jew finanzjarjament) fi stħarriġ tar-riċerka fuq il-baħar marbut ma' speċi-waħda fil-każijiet li ġejjin:

   (a) is-sehem tagħhom ta' qabda totali permissibbli (TAC) tal-Unjoni għall-ispeċijiet fil-mira ewlenin (kif elenkati fit-tabella) ikun inqas minn 3 % sakemm ma jintlaħaqx qbil dwar limitu massimu ta' 5 % fil-livell tar-reġjun tal-baħar; jew

   (b) fejn ma tiġi ffissata l-ebda TAC, is-sehem tagħhom tal-ħatt l-art totali rilevanti tal-Unjoni jkun inqas minn 3 % fit-3 snin preċedenti sakemm ma jkunx hemm qbil dwar limitu massimu ta' 5 % fil-livell tar-reġjun tal-baħar.

3. Għall-istħarriġ dwar diversi speċijiet u dwar l-ekosistemi, il-limiti jistgħu jiġu stabbiliti fil-livell tar-reġjun tal-baħar.

4. L-Istati Membri li jikkontribwixxu għall-istħarriġiet tar-riċerka internazzjonali għandhom jikkoordinaw l-isforzi tagħhom fl-istess reġjun tal-baħar.

Tabella 1

Stħarriġ ta' riċerka fuq il-baħar

Isem l-istħarriġ	Akronimu	Żona jew żoni	Speċijiet ewlenin fil-mira	Governanza tal-grupp ta' koordinazzjoni reġjonali
Il-Baħar Baltiku (żoni ICES 3aS, 3b-d)				
Stħarriġ Internazzjonali dwar it-Tkarkir fil-Baltiku	BITS_Q1	3aS, 3b-d	BLL COD DAB FLE HER PLE TUR	Il-grupp ta' koordinazzjoni reġjonali tal-Baltiku
Stħarriġ Internazzjonali dwar it-Tkarkir fil-Baltiku	BITS_Q4	3aS, 3b-d	BLL COD DAB FLE HER PLE TUR	
Stħarriġ Akustiku Internazzjonali fil-Baltiku (tal-Ħarifa)	BIAS	3a, 3b-d	HER SPR	
Stħarriġ Akustiku għall-Aringi fil-Golf ta' Riga	GRAHS	3d	HER	
Stħarriġ Akustiku tal-Laċċa Kaħla	SPRAS	3d	SPR	
Stħarriġ dwar il-Larva tal-Aringi f'Rügen	RHLS_DEU	3d	HER	
Stħarriġ dwar il-frieħ tal-merluzz f'Fehmarn	FEJUCS	3c SD22	COD	

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1).

Il-Baħar tat-Tramuntana u l-Lvant tal-Artiku (iż-żoni 1, 2, 3a, 4 u 7d tal-ICES)				
Stħarriġ dwar il-bakkaljaw fil-Kattegat	CODS_Q4	3a	COD	Il-grupp ta' koordinazzjoni reġjonali tal-Baħar tat-Tramuntana u tal-Lvant tal-Artiku
Stħarriġ Internazzjonali dwar it-Tkarkir tal-Qiegħ	IBTS_Q1	3a, 4	COD FLE GUG HAD HER NOP PLE RJC RJM RJN RJR SPR SYC TUR WHG WIT	
Stħarriġ Internazzjonali dwar it-Tkarkir tal-Qiegħ	IBTS_Q3	3a, 4	COD HAD HER NOP PLE POK RJC RJH RJM RJN RJR SPR SYC TUR WHG WIT	
Stħarriġ dwar it-Tkarkir bit-Travu fil-Baħar tat-Tramuntana	BTS	4b, 4c, 7d	DAB PLE RJC RJE RJM SDV SOL SYC SYT TUR	
Stħarriġ dwar il-Ħut Demersali ta' Età Żgħira	DYFS	Il-kosti tal-Baħar tat-Tramuntana (NS)	SOL	
Stħarriġ dwar ix-Xbieki tal-Lingwata	SNS_NLD	4b, 4c	SOL TUR	
Stħarriġ dwar iċ-Ċiċċirell fil-Baħar tat-Tramuntana	NSSS	4a, 4b	SAN	
Stħarriġ Internazzjonali dwar l-Ekosistemi fl-Ibħra tat-Tramuntana	LAA	2a	HER	
Stħarriġ dwar il-bajd tal-kavalli (triennali)	NSMEGS	4	MAC	
Stħarriġ dwar il-Larva tal-Aringi	IHLS	4, 7d	HER	
Stħarriġ Akustiku dwar l-Aringi tan-NS	NHAS	3a, 4, 6a	HER SPR	
Stħarriġ tal-UWTV dwar in-Nephrops	UWTV3-4, UWTV6, UWTV7, UWTV8, UWTV9	3a, 4a, 4b	NEP	
It-Tramuntana tal-Atlantiku (iż-żoni 5 sa 14 tal-ICES u ż-żoni tan-NAFO)				
Stħarriġ Internazzjonali Akustiku u dwar it-Tkarkir għar-Redfish (triennali)	REDTAS	5a, 12, 14; NAFO SA 1-3	REB	Il-grupp ta' koordinazzjoni reġjonali tal-Baħar tat-Tramuntana u tal-Lvant tal-Artiku
Stħarriġ dwar il-ħut tal-qiegħ tal-Kap Fjamming	FCGS	3M	AME COD GRE NOR RED ROU SHO	
Stħarriġ dwar il-ħut tal-qiegħ ta' Greenland	GGS	14, iż-żona SA1 tan-NAFO	COD RED REG	
Stħarriġ dwar il-ħut tal-qiegħ taż-żona 3LNO	PLATUX-A_ESP	NAFO 3LNO	AME COD GRE NOR RED ROU THO WHI WIT YEL	
IBTS tal-Punent tar-raba' kwart (inkluż l-istħarriġ dwar il-porkuspini)	IBTS_Q4	6a, 7, 8, 9a	OCT MON ANK ANF BOC BSS COD CTL DGS GAG GFB HAD HER HKE HOM LDB MAC MEG LEZ LDB NEP PLE RJC RJM RJN RNG SDV SHO SQZ SYC WHG	Il-grupp ta' koordinazzjoni reġjonali tat-Tramuntana tal-Atlantiku
IBTS tal-Punent tal-ewwel kwart	IBTS_Q1	6a, 7a	OCT COD CTL HAD HER HOM LEZ MAC NEP PLE RJC RJM RJN SDV SHO SYC WHG	
ISBCBTS Settembru	ISBCBTS	7afg	PLE RJC RJE RJH RJM SDV SOL SYC	
Stħarriġ dwar it-Tkarkir bit-Travu fil-Fliegu tal-Punent	SWE-COS_GBE	7efgh	RJB RJC RJE RJH RJM SDV SOL SYC	

Stħarriġ dwar l-istokkafixx	IBWSS	6, 7	WHB	
Stħarriġ Internazzjonali dwar il-Bajd tal-Kavalli u tas-Sawrell (triennali)	MEGS	6, 7, 8, 9a	HOM MAC	
Stħarriġ Akustiku dwar is-Sardin, l-Inċova, is-Sawrell	SAHMAS	8, 9	ANE BOC HOM PIL	
DEPM tas-Sardin (triennali)	SDEPM	8c, 9a	HOM PIL	
Stħarriġ akustiku dwar l-aringi/l-imniefaħ waqt il-perjodu tar-riproduzzjoni u qabel-	WESPAS_IRL	6a, 7a-g	BOC HER	
Bijomassa tal-Inċova	BIOMAN	8	ANE PIL	
Stħarriġ dwar l-iskampu bil-UWTV	UWTV11-13, UWTV14, UWTV15, UWTV16-17, UWTV19, UWTV20-22, UWTV30	6a, 7a, 7b, 7ghj, 9a	NEP LDB GFB SHO	
Nephrops Survey Offshore Portugal (FU 28-29)	NepS	9a	NEP	
Stħarriġ akustiku dwar l-aringi fil-Baħar Ċeltiku	CSHAS_IRL	6a, 7gj	HER	
Stħarriġ akustiku dwar is-sardin u l-inċova	ECOCADI-Z_ESP	9a	ANE	
Stħarriġ dwar l-erja koperta mit-tkarkir għall-kavalli	IESSNS	2, 3aN, 4, 5, 14	MAC HER WHB	
Stħarriġ akustiku dwar il-frieħ tal-inċova fil-Golf tal-Biskalja	JUVENA_ESP	8a-d	ANE	
Stħarriġ dwar ir-riżorsi tal-qiegħ tal-Golf tal-Biskalja	ORHA-GO_Q4_FRA	8ab	SOL	
Stħarriġ dwar il-konzijiet tal-fond	PALPRO_ESP	8c	GFB	
Stħarriġ tal-Irlanda dwar il-petriċi u l-megrims	IAMS_IRL	6a, 7	MON ANK ANF MEG LEZ LDB	
Anglerfish and Megrim Survey (stħarriġ-tal-industrija u tax-xjenza)	SIA-MISS_GBS	4a, 4b, 6a, 6b	ANF LEZ	
Stħarriġ dwar l-ispeċijiet pelaġiċi fil-Baħar Ċeltiku u fil-Fliegu tal-Punent	PELTIC	7de	PIL ANE SPR	
Stħarriġ akustiku dwar l-aringi	ISAS	7a	HER	
Il-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed				
Stħarriġ Akustiku Pan-Mediterran	MEDIAS	Is-subżoni ġeografiċi 1, 6, 7, 9, 10, 15, 16, 17, 18, 20 u 22	ANE PIL	Il-grupp ta' koordinazzjoni reġjonali tal-Mediterran u tal-Baħar l-Iswed
Stħarriġ dwar it-tkarkir tal-qiegħ fil-Baħar l-Iswed	BTSBS	GSA 29	DGS TUR WHG	

Stħarriġ dwar it-tkarkir pelaġiku fil-Baħar l-Iswed	PTSBS	GSA 29	SPR	
Stħarriġ internazzjonali dwar it-tkarkir tal-qiegħ fil-Mediterran	MEDITS	Is-subżoni ġeografiċi 1, 2, 3, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 11, 15, 16, 17, 18, 19, 20, 22, 23 u 25	Skont il-lista tal-ispeċijiet fil-mira mogħtija fil-manwal relevanti tal-MEDITS	
Beam Trawl Survey (GSA 17)	SOLEMON	GSA 17	CTC MTS SOL	
Stħarriġ dwar il-Larva tat-Tonn	TUNIBAL	Is-subżoni ġeografiċi 5 u 6 (il-Baħar Baleariku)	ALB BFT	Il-grupp ta' koordinazzjoni reġjonali għall-ispeċijiet pelaġiċi l-kbar

KAPITOLU II

Limiti għall-ġbir tad-*data*

1. Dan il-Kapitolu jistabbilixxi l-limiti għall-ġbir tad-*data* dwar is-sajd tal-Unjoni speċifikata fid-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2021/1167 ([2]).

2. L-Istati Membri mhumiex obbligati jiġbru d-*data* bijoloġika għal ċerti stokkijiet meta tintlaħaq waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) meta s-sehem tagħhom mit-TAC rilevanti (individwali jew ikkombinata) jkun ta' inqas minn 10 % mit-total tal-Unjoni, sakemm l-għadd totali tal-ishma tal-Istati Membri kkonċernati ma jkunx jaqbeż il-25 % tat-TAC; jew

   (b) meta l-ebda TAC ma tkun ġiet iffissata, il-ħatt totali ta' Stat Membru minn stokk ikun inqas minn 10 % tal-ħatt totali medju tal-Unjoni Ewropea fit-tliet snin ta' qabel; jew

   (c) il-qabdiet annwali totali ta' Stat Membru minn stokk ikunu inqas minn 200 tunnellata. Għal speċijiet bi ħtieġa ta' ġestjoni speċifika, jista' jiġi ddefinit livell limitu iżjed baxx fil-livell tar-reġjun marittimu.

   Meta jintlaħaq il-limitu kollettiv ta' 25 % msemmi fil-punt (a), l-Istati Membri kkonċernati għandhom jaqsmu bejniethom il-kompiti marbutin mal-ġbir tad-data bijoloġika fil-livell tar-reġjun tal-baħar biex jiżguraw li l-istokkijiet rilevanti jkunu koperti mit-teħid tal-kampjuni f'konformità mal-ħtiġijiet tal-utenti aħħarin.

3. Għal speċijiet li jaqgħu taħt organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd għat-tonn (RFMOs), għandhom japplikaw il-livelli limitu kif stabbiliti fir-rekwiżiti tal-RFMO.

4. Ma għandu japplika l-ebda limitu:

   (a) għall-ispeċijiet li jpassu bejn l-ilma mielaħ u l-ilma ħelu; kif ukoll

   (b) speċijiet sensittivi kif iddefinit fl-Artikolu 6(8) tar-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

5. Ma għandu japplika ebda limitu biex jinkisbu stimi tal-qabdiet minn qabdiet rikreattivi. Il-limiti fuq il-ġbir ta' *data* bijoloġika minn qabdiet rikreattivi għandhom jiġu miftiehma u kkoordinati fil-livell tar-reġjun tal-baħar u għandhom ikunu bbażati fuq il-ħtiġijiet tal-utent aħħari.

6. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali speċifiċi fil-kuntest tal-RFMO, mhuwiex obbligatorju li tinġabar *data* bijoloġika meta s-sehem tal-Unjoni minn stokk mistad fuq livell internazzjonali jkun ta' inqas minn 10 %.

([2]) Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2021/1167 tas-27 ta' April 2021 li tistabbilixxi l-programm pluriennali tal-Unjoni għall-ġbir u l-ġestjoni tad-data bijoloġika, ambjentali, teknika u soċjoekonomika fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura mill-2022 (ĠU L 253, …, p. 51).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105).

7. F'dak li għandu x'jaqsam mal-ġbir ta' *data* soċjali, ekonomika u ambjentali dwar l-akkwakultura:

   (a) l-Istati Membri mhumiex obbligati jiġbru t-tali *data* jekk il-produzzjoni totali tal-akkwakultura tagħhom tkun ta' inqas minn 1 % mill-produzzjoni totali tal-akkwakultura tal-Unjoni kemm skont il-piż u kemm skont il-valur;

   (b) mhuwiex obbligatorju għall-Istati Membri li jiġbru tali *data* għall-ispeċijiet li jammontaw għal inqas minn 5 % tal-produzzjoni tal-akkwakultura tal-Istat Membru kemm skont il-piż kif ukoll skont il-valur; kif ukoll

   (c) meta l-produzzjoni totali tal-akkwakultura ta' Stat Membru tkun ta' bejn 1 % u 2,5 % tal-produzzjoni totali tal-akkwakultura tal-Unjoni kemm skont il-piż u kemm skont il-valur, dak l-Istat Membru jista' juża metodoloġiji ssimplifikati biex jagħmel stima tat-tali *data*.

   Il-limiti msemmijin fil-punti (a), (b) u (c) għandhom jiġu kkalkulati abbażi tal-aħħar pubblikazzjoni tal-Eurostat tad-data tal-Istat Membru rilevanti.

   Mingħajr preġudizzju għall-punti (a), (b) u (c), kull sena l-Istati Membri għandhom jiġbru data dwar il-valur u l-piż tal-produzzjoni tal-akkwakultura tagħhom.

KAPITOLU III

Stratifikazzjoni ġeografika skont ir-Reġjun

Għall-finijiet tal-ġbir tad-*data* dwar is-sajd tal-Unjoni speċifikata fl-Anness tad-Deċiżjoni Delegata (UE) 2021/1167, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet taż-żoni ġeografiċi tar-reġjuni tal-baħar elenkati fit-tabella 2 hawn taħt.

Tabella 2

Stratifikazzjoni ġeografika skont ir-Reġjun

Oqsma li jenħtieġ li jkunu koperti għall-finijiet tad-DCF		**Reġjun**	**Suprareġjun** [1]
Il-Baħar Baltiku (żona tal-FAO 27)	Żoni tal-ICES 3b-d	Il-Baħar Baltiku	Il-Baħar Baltiku; Il-Baħar tat-Tramuntana; Il-Lvant tal-Artiku; In-NAFO; l-ilmijiet estiżi tal-Majjistral (żoni tal-ICES 5, 6 u 7) u l-ilmijiet estiżi tal-Lbiċ (żoni tal-ICES 10, 12 u 14)
l-Artiku tal-Lvant, il-Baħar Norveġiż, il-Baħar ta' Baħar ta' Barents, Skagerrak u Kattegat, il-Baħar tat-Tramuntana u l-Fliegu tal-Lvant, L-Atlantiku tal-Grigal u l-Fliegu tal-Punent (żona tal-FAO 27)	Iż-żoni 1, 2, 3a, 4 u 7d tal-ICES	Il-Baħar tat-Tramuntana u l-Lvant tal-Artiku	
	Iż-żoni tal-ICES 5, 6, 7 (eskluż 7d), 8, 9, 10, 12 u 14	L-Atlantiku tal-Grigal	
L-Atlantiku tal-Majjistral (iż-żona tal-FAO 21)	Iż-żona tal-Konvenzjoni tan-NAFO	Reġjuni oħra fejn is-sajd huwa operat barra l-ilmijiet tal-UE minn bastimenti Komunitarji u huma taħt obbligi ta' rappurtar lill-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMO) jew korpi reġjonali tas-sajd li l-Komunità hija parti kontraenti għalihom jew osservatur tagħhom.	Reġjuni oħra
L-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant (iż-żona 34 tal-FAO)	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CECAF		
L-Atlantiku Ċentrali tal-Punent (iż-żona tal-FAO 31)	Iż-żona tal-Konvenzjoni WECAFC (*)		
L-Atlantiku tax-Xlokk (iż-żona tal-FAO 47)	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO		
In-Nofsinhar tal-Paċifiku (żoni 81 u 87 tal-FAO)	iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO		
L-Oċean Atlantiku u l-ibħra ta' madwaru (FAO 21, 27, 31, 37, 41, 47, 34, 48)	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT		
L-Oċean Indjan (żoni tal-FAO 51 u 57)	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IOTC		
L-Oċean Indjan (żoni tal-FAO 51 u 57)	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tas-SIOFA		
L-Oċean Indjan (żoni tal-FAO 51 u 57)	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCSBT		

Il-Paċifiku Ċentrali tal-Punent (iż-żona tal-FAO 71)	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC		
In-Nofsinhar tal-Paċifiku (iż-żoni 77 u 87 tal-FAO)	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC		
L-Oċean Indjan tan-Nofsinhar u tal-Antarktiku (iż-żoni tal-FAO 48, 58 u 88)	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR		
Ir-Reġjuni Ultraperiferiċi tal-UE	L-ilmijiet tal-UE madwar Mayotte u l-Gżejjer La Réunion	Ir-reġjuni ultraperiferiċi	
	L-ilmijiet tal-UE madwar il-Guyana Franċiża, Martinique, il-Gżejjer Guadeloupe		
	L-ilmijiet tal-UE madwar l-Azores (FAO 27.10.a.2)		Il-Baħar Baltiku; Il-Baħar tat-Tramuntana; Il-Lvant tal-Artiku; In-NAFO; l-ilmijiet estiżi tal-Majjistral (żoni tal-ICES 5, 6 u 7) u l-ilmijiet estiżi tal-Lbiċ (żoni tal-ICES 10, 12 u 14)
	L-ilmijiet tal-UE madwar Madeira u l-Gżejjer Kanarji (FAO 34.1.2)		
Il-baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed (iż-żona 37 tal-FAO)	GFCM GSA 1-29	Il-Mediterran u l-Baħar l-Iswed	Il-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed

([1]) Kull bastiment li mhux involut f'sajd fuq distanzi twal għandu jiġi allokat għal reġjun żejjed abbażi tal-għadd ta' jiem fuq il-baħar (aktar minn 50 %) li jqattgħu fis-suprareġjun.

(*) eskluża l-ilmijiet tal-UE